# Għajdut Malti

(*Issibu Għajdut ieħor fi-*'Malti' *ta' Sett., Diċ., 1934, Gunju, 1935, Sett., Diċ. 1937 u Marzu, Diċ. 1938*)

Wera snienu.
Kulma għażilna sar suf.
Qdieh mill-koxxa.
Silitli qalbi
Tilef rasu.
Sab ix-xoqqa f'moxtha
Jekk għandek xi bajda ħoxna bidha.
Qabdu waħam.
Ifekren ġmielu.
Xorob ħafna mrar.
Wiċċ bla żejt (bla mistħija)
B'rasek idur.
Kellu r-riħ fil-qala.
Iddoqqlu l-kalandra.
Qata' sandar.
Jinten seba' ġwejjef.
Kiellu wiċċu.
Bint it-tiġieġa l-bajda.
Kellu l-faħam miblul.
Dabbiena bajda.
Qabad art.
Xejn ma f'għajni minnu.
Wieżnu, miskin !
Tarah fl-art ma tiġbrux.
Kif tikser idek.
Aħseb u ara.
Qattgħu l-karti.
Xammar u arfa'.
Nagħmel għonqi taħt mannara.
Barra minn fuqu.
Bit-tielgħa u n-nieżla.
Kull mibdi mitmum.
Midħla tagħna.
Qata' qalbu.
Tah il-qoffa.
Daqqa ta' sinna u ġewwa.
Waqqa' l-balla fuq saqajh.
Mewwet qalbu.

X'burraxka ġie fiha.
Min irid in-nar ifittxu.
Maħnuq (jew fgat) bix-xogħol.
Ġie fiha.
Qalbu għamlet "tikk".
Żaqq ġejja oħra sejra.
Fuq ir-riħ aħna.
Għajnejh akbar minn żaqqu.
Rasu iebsa daqs iż-żonqor.
Fihom parilja.
Għamel il-mewta tiegħu.
Buli t'iswed.
Ġera daqs ir-riħ.
Faħħru u ixħtu fin-nar.
Inħobbu daqs il-mimmi ta' għajnejja.
Għadmi nħossu mkisser.
Qalb ta' tigra.
Tajjeb il-ħobż...għax iħallik tieklu.
Jara aħdar.
Għażżien daqs is-sejf ta' S. Pawl.
Jixraqlu u joqgħodlu.
Għandu rota nieqsa.
Milli għedna m'hemm xejn.
Mejjet ħaj.
Lagħab karta kerha.
Tiġinix b'dawn l-irsuli.
Serva għaż-żejjed u n-nieqes.
Rabta ċoff.
Tah il-ġenb.
Żaqq imraden.
Qata' fuq ir-riħ.
Tfittex u ma ssib xejn.
Qala' ħasla.
Bil-ponta tas-sejf.
Kiel qalbu.
Fl-aħħar mill-aħħar.
Qisu mejda tal-qubbajd.
Ma jbillx idu fl-ilma mbierek.

R.M.B.